**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 18 – IT-TNEJN, 20 TA' JANNAR 2014 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 17**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 16**

2.1 Ġie deċiż li pagament Numru 13 lis-Sinjura Margaret Fiott jiġi mwaqqaf temporanjament.

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Ġiet diskussa talba biex isir resurfacing ta' parti minn Misraħ Lewża minħabba li qed iżomm ftit ilma meta tagħmel ix-xita. Ġie deċiż ma tiġix milqugħa din it-talba.

3.2 Ġiet innuata li ma kienx hemm risposta mill-Bord tal-Appelli pendenti. Għandha tintbagħat reminder oħra.

3.3 Ġie innutat li l-Bord tal-Inkjesta għadu ma ppreżentax ir-rapport tagħhom u lanqas ir-rapport tal-Perit. Għandha tintbagħat reminder lis-Segretarju Parlamentari.

3.4 Ġiet innuata li ma kienx hemm risposta mill-Ministru Joe Mizzi għall-ittra li intbagħtet mis-Sindku. Għandha tintbagħat ittra oħra ta' reminder.

**4 Korrispondenza**

4.1 Ġiet diskussa talba minn Melita plc biex jagħmlu xogħol f'San Ġwann biex jirranġaw il-wires tagħhom kollha li hemm imdendlin. Huma talbu biex meta jkun hemm bżonn jagħlqu toroq sekondarji u ma jkunx hemm bżonn preżenza ta' wardens. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

4.2 Ġiet innutata talba mill-Ħanut Telecom biex jieħu ħsieb is-soft area fi Vjal ir-Riħan kantuniera ma' Triq Ewkaliptus. Dan ikun jista' jagħmel tabelli tar-reklamar mad-dawra. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

4.3 Ġiet innutata talba mid-Dogs Trust biex jagħmlu mural f'ħajt pubbliku f'San Ġwann biex isir aktar awareness.

Is-Sur Trevor Fenech skuża ruħu mil-laqgha fis-6.25pm
.

**5. Affarjiet oħra**

5.1 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li l-U-Bollard li ġiet approvata mill-Kunsill biex issir fi Triq l-Ewkaliptus fil-parti t'isfel m'għandiex għalfejn issir minħabba li r-residenta li talbitha m'għadhiex tridha. Hi ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-mural li jinsab fi Triq Bella Vista għandu bżonn xogħol ta' manuntenzjoni. Għandu jiġi kkomunikat l-artist.

5.2 Is-Sinjura Joan Farrugia ġabet għall-attenzjoni l-problema ta' sewqan eċċessiv fi Triq il-Kuċċard fejn kienet tneħħiet is-sleeping policeman. Ġie deċiż li ssir tabella u marki ta' "Slow" f'din il-parti tat-triq. Hi talbet ukoll biex issir il-kaxxa bajda fi Triq W Savona. Ġie deċiż li terġa' tiġi diskussa din il-materja meta jkun hemm is-Sur Neville Mallia preżenti.

Is-Sinjura Rita Saliba skużat ruħha mil-laqgħa fis-6.30pm.

5.2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex isiru linji fi Triq Ta' Ċieda. Għandha ssir site visit. Ġabet ukoll għall-attenzjoni l-problema li għandu l-hanut 'Futura' għax m'għandux fejn jipparkja l-van biex iħott. Ma setgħetx tinstab soluzzjoni għal din il-problema.

5.3 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li l-printer tal-magazine għamel żball u pprintja ammont inqas milli kien hemm bżonn jitqassam. Hu ġab għall-attenzjoni wkoll li ġie ffurmat il-Kunsill taż-Żgħażagħ u ser jiltaqa' għall-ewwel darba fit-2 ta' Frar.

5.4 Is-Sur Dominic Cassar issuġġerixxa biex il-permessi tal-crains isiru 5 Ewro. Kien hemm qbil fuq dan. Hu nforma lill-Kunsill li l-ELC talbu 425 Ewro biex jinqatgħu tliet siġar u jinqerdu l-għeruq. Ġie deċiż li jinstab persuna li tagħmel dan ix-xogħol bla hlas u fl-istess ħin jieħu l-injam. Is-Sur Cassar informa lill-Kunsill li l-arloġġ tad-dawl twaħħal fil-masġar u qed jinxtegħel, id-dawl taż-zebra crossing, fi Triq tas-Sliema qed jinxtegħel, il-bandli fil-Ġnien Ta' Żwejt ser jinbidlu wara li ġew approvati l-fondi mill-insurance. Hu talab biex tiċċaqlaq it-tabella, "Merħba San Ġwann", li tinsab fi Triq il-Baltiku minħabba li qiegħda barra mill-konfini ta' San Ġwann.

## 6. Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**